MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 1474/2010

**Mary Frances sive May Borg (K.I. 790040M)**

**Vs**

**Philip Grima (454224M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attrici pprezentat fit-13 ta'Settembru, 2010, fejn ippremettiet:

Illi l-intimat jigi kkundanat ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema somma hija dovuta lilha mill-intimat in konsegwenza tal-ahhar testment ta' Edgar Gulia tal-1 ta' Novembru, 1999, kif ukoll l-imghaxijiet fuq l-istess somma bir-rata ta' 8% minn jum il-mewt ta' Edgar Gulia, jigifieri mit-2 ta' Jannar, 2003, dana ai termini tas-subartikolu 728(b) tal-Kap XVI, sad-data tal-pagament effettiv, liema somom huma dovuti lill-attrici in kwantu dixxendenta ta' ommha Concetta Lando` li kienet legatarja fl-imsemmi fl-imsemmi testament fis-somma ta' elf lira Maltin

(Lm1,000), u l-intimat ma hallasx kif inhu tenut jaghmel skont il-ligi, minkejja bosta interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali tat-13 t'Awwissu, 2003, 19 ta' Settembru, 2003, 25 ta' Mejju, 2004, 13 t' Ottubru, 2004, 30 ta' Novembru, 2007, 30 ta' Novembru, 2009, 27 t'April, 2010 u 20 t' Awwissu, 2010, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, kontra l-intimat li huwa ngunt in subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta b'kontro talba tal-konvenut datata 22 ta' Ottubru, 2010 fejn l-istess konvenut eccepixxa li t-talba tal-attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li fl-ewwel lok, il-legatarja Cettina Lando mietet qabel it-testatur u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub mill-attrici m'huwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-kontro talba datata 22 ta' Ottubru, 2010 tal-istess konvenut fejn ippremetta illi:

L-attur qieghed jitlob lil dan it-Tribunal illi dan it-Tribunal jikkundanna l-attrici thallas lill-konvenut id-danni li jigu likwidati minn dan it-Tribunal dovuti minhabba fil-mandat ta' sekwestru numru 3177/10 miksub fuq talba tal-attrici b'mod illegali, vessatorju u bla ebda htiega.

Bl-imghax skont il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-kontro mandat numru 3400/10.

It-Tribunal ra r-risposta tal-attrici ghall-kontro talba tal-konvenut liema risposta ggib id-data tat-12 ta' Novembru, 2010 f'liema risposta l-attrici tikkontendi illi:

1. Preliminarjament, il-kontro talba kif proposta mill-konvenut hija irrita u nulla ghaliex ma hijiex konnessa bl-ebda mod mat-talba attrici ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap XII.

2. Preliminarjament, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-kontro talba kif proposta mill-konvenut hija irrita u nulla ghaliex ma kienitx intalbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 3177/2010 ghar-ragunijiet li qeghdin jissemmew issa.

3. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, fil-kaz li jigi ritenut li tali nuqqas ma jimplikax in-nullita' tal-azzjoni attrici, xorta wahda l-konvenut kien tenut li jitlob it-thassir tal-istess mandat ghal tali ragunijiet li qeghdin jissemmew issa.

4. Fil-mertu, t-talba tal-konvenut hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

5. L-attrici ezercitat dritt sagrosant li taghtiha l-ligi, u ipprezentat mandat ta' sekwestru flimkien mal-Avviz tat-Talba quddiem il-prezenti Tribunal wara xejn inqas minn tmien ittri legali ghall-hlas, ghal liema ittra ma nghatat qatt ebda ittra responsiva.

6. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet ta' danni subiti mill-konvenut huma assolutament inveritieri.

7. Bla pregudizzju ghas-suespost, jekk il-konvenut soffra xi danni minhabba l-mandat ta' sekwestru mahrug kontrih, il-mandat sar skont il-ligi u ghalhekk ma tista tinsab ebda responsabilita' fl-attrici meta hija qeghda tinqeda minn dritt sancit mill-ligi favuriha.

8. Bla pregudizzju ghas-suespost, meta l-attrici giet infurmata illi kien gie depozitat il-Qorti l-ammont kawtelat bil-mandat ta' sekwestru , hija prontament, tramite l-Avukat taghha, ma

opponietx ghar-rikors ghall-hrug ta' kontro mandat ipprezentat mill-konvenut (dak l-istess kontro mandat illi fil-kontro talba l-konvenut, bla ebda jedd, qed jitlob ir-rifuzjoni tal-ispejjez tieghu).

9. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici bl-ebda mod ma mxiet b'mod *'illegali vessatorju u bla ebda htiega'.* Ipprezentat mandat skont il-ligi, ghamlet hekk biex tikkawtela l-interessi legittimi taghha u certament li kien hemm htiega ghall-hrug tal-mandat wara illi, fost affarijiet ohra, ammont tant kbir ta' ittri gew ghal kollox injorati.

10. Bla pregudizzju ghas-suespost, hija effettivament ikkontrollat l-effetti tal-mandat kif spjegat aktar 'il fuq u kif ser jidher fit-trattazzjoni tal-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati u ra l-atti kollha tat-talba.

**Kunsiderazzjonijiet:**

Mill-provi jirrizulta:

Illi t-testamentarju Edgar Gulia miet fit-2 ta' Jannar, 2003, kien guvni u kellu disat ahwa.[1] Concetta (Cettina) mizzewga Lando kienet ohtu u mietet 10 ta' Dicembru, 2000[2] u ghalhekk mietet qabel Edgar bhal hutu kollha. Illi permezz tat-testament tieghu datat 1 ta' Novembru, 1999[3] Edgar Gulia kien halla b'titolu ta' legat lil ohtu Concetta (Cettina) armla ta' Giovanni

[1] Ara c-certifikat tal-mewt ta' Edgar Gulia a fol 24
[2] Ara c-cerifikat tal-mewt ta' Concetta Lando
[3] A fol 20 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino 1/11/1999

Lando s-somma *ta' elf lira Maltin (Lm1,000) (ara* s-sub-artikolu 2(h)). Filwaqt illi fir-raba artikolu (4) tal-istess testment idddikjara illi:

*"Salvi l-legati fuq imsemmija t-testatur Edgar Gulia jinnomina u jistitwixxi bhala eredi tieghu u uniku lil Philip Grima bin il-mejtin Joseph u Filippa nee Bonnici…u fil-kaz li dan l-eredi jigi nieqes qablu t-testatur jissostitwixxi ghalih lil Joseph Grima iben l-istess Philip Grima"*

Illi ai termini tal-hames (5) artikolu kien ukoll innomina lil Philip Grima bhala ezekutur testamentarju tieghu. Illi Concetta Lando fil-11 ta' Frar, 1982 fit-testament taghha fit-tieni (2) Artikolu halliet lit-tifla Mary Borg bhala eredi universali taghha.[4]

*"Salv dak li 'ntqal it-testattrici tinnomina u tistittwixxi bhala unica eredi universali propjetarja assoluta tal-assi ereditarji taghha lil bintha Mary sive May mart Albert Borg."*

Ghalhekk, galadarba Edgar Gulia kien guvni u ma kellux ebda axxendent jew dixxendent dirett. Kien wiehed minn ghaxar ahwa (ara *albero genealogico*) pero` meta miet ohtu Carmela Delia biss *kienet hajja u* kellu diversi neputijiet u tfal ta' hutu mejtin. Cettina kienet ohtu u ghalhekk Mary (May) Borg tigi n-neputija tieghu. Mary Borg kellha ohtha Joyce Catherine li mietet sebgha u tletin sena ilu u kellha tifla wahda Annalisa Bonnici illum mizzewga lil Mario Bonnici.

Fix-xhieda tieghu Philip Grima iddikjara illi huwa kien l-uniku werriet ta' Edgar Gulia fl-ahhar testament tieghu tal- 1 ta' Novembru, 1999. Illi kien hu li kien innominat bhala ezekutur testamentarju u kien halla kollox f'idejn in-Nutar Herbert Cassar. Dan gie ikkonfermat minn Nutar Cassar li ddikjara illi kien ta lil Philip Grima parir li skont hu jekk talba ma ssirx mit-testamentarju l-legat ghandu jaqa'. Ix-xhud spjega li "*meta jmut legatarju qabel it-testatur, normalment jekk ikun hemm eredi ssir sostituzzjoni ta' dak il-legatarju. Hu jispjega illi s-sostituzzjoni tkun mitluba mit-testatur; u skont in-Nutar jekk ma ssirx sostituzzjoni fuq talba tat-testatur dan il-legat jaqa', Jien qed nibbaza dan il-parir fuq l-artikoli li huma relati mal-legati".*

[4] 11/2/1982 fil-atti ta' Nutar Antonio Carbonario A fol 28

Illi Mary Borg innotifkat kemm il-darba lil Philip Grima b'diversi ittri biex tinterpellah biex ihallasha l-ammont pero` dawn gew injorati (ara Doks ATI sa O a fol 38 et seq tal-process)

**Ikkunsidera:**

Illi fil-kawza odjerna l-pern tal-kwistjoni tat-talba hija dwar il-premorienza tal-legatarja li kienet oht it-testatur. It-testatur ma 'ndika xejn fl-artikolu biex jipprovdi ghal din is-sitwazzjoni.

Il-Kodici Civili Kap XIV jghid is-segwenti:

***745.*** *(1) Disposizzjoni ta' testment tibqa' mingħajr effett jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret tmut qabel it-testatur.*

*(2) Iżda, id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat kull meta, kieku s-suċċessjoni kienet ab intestato, kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu personali.*

Skont il-konvenut wiehed ghandu japplika l-artikolu 745 (1) ossia illi d-dipozizzjoni 2 (h) huwa minghajr effett. Din infatti hija r-regola generali u jidher pjuttost car pero` l-artikolu 745 (2) ma jistax jigi 'njorat u dan jzid illi d-dixxendenti jew werrieta ta' legatarju ghandhom fil-kaz generali fejn f'kaz li d-decujus imut ntestat kienu jibbenefikaw mir-regola ta' rapprezentazzjoni barra fil-kaz li huwa ddispona b'mod specifiku li dan m'ghandux isir u jekk il-legat dritt fuq propjeta' ez usufrutt, uzu u abitazzjoni jew dritt li minn natura tieghu jikkwalifika bhala personali.

Illi jidher illi l-legislaturi hassew li kellhom jaghmlu eccezzjoni ghall-membri tal-familja tat-testatur. Ghalhekk hija stabbilita kemm mil-ligi kif ukoll konfermata mill-gurisprudenza illi l-mewt qabel it-testaur ta’ membri tal-familja tat-testatur li wirtuh jew li kellhom legat minnu ma jeskludiex it-tfal jew dixxedenti tal-mejjet li kienu jirtuh bil-jedd ta’ rapprezentazzjoni.

Dan huwa konfermat fil-kawza ***Carmela Abela v Avv Francis Portanier et noe*** (8 ta’ Mejju, 1959) il-Qorti Civili (Prim ‘Awla) (vol:XLII) il-Qorti f’kaz simili iddikjarat illi fil-kaz tal-artikolu 782 (illum l-artikolu 745)

*Issa, skont l-interpretazzjoni tal-Qrati taghna dik is-successjoni ab intestatio hija tat-testatur u mhux dik tal-eredi jew tal-legatarju u kwindi ghall-applikazzjoni ta’ din id-dispozzijoni tal-ligi xejn aktar m’hu mehtieg hlief id-dixxendenti tal-persuna pre-morta jew inkapaci jinsabu f’relazzjoni ta’ familja tali mat-testatur li tkun possibili r-rapprezentazzjoni.*

*U billi hija ukoll ligi li l-jedd ta’ rappresentanza jinghata lit-tfal u dixxendenti ta’ hut il-mejjet jigi illi jekk it-testaur ihalli l-eredita’ tieghu lil xi whud minn hutu u dawn hutu imutu qablu, l-porzjon li kien jippercepixxi dak huh li kieku baqa’ haj johduha t-tfal u d-dixxendenti tieghu u mhux takkrexxi mas-sehem tal-ahwa l-ohra tat-testatur li jibqghu hajjin wara mewtu. Ara ukoll:* ***Eleonora Buhagiar v Emmanuele Cassar Qorti Civili prima Awla 16 ta’ Marzu, 1948 Koll Vol XXXIII; Scerri v Bondin 26 t’Ottubru, 1900 (Koll: Vol XVII p.231), Antonio Ellul v Ruggiero Rocco Perlata et Koll XXVIII-I-962).***

*Ghar-rapprezentanza testamentarja ma jista qatt ikun hemm lok jekk it-tfal imhollijin mill-premort ma jkunux f’dik il-kondizzjoni li jidhlu fl-eredita’ tat-testatur bir-rapprezentanza tal-endituri mejtin taghhom biex jigi applikat dan l-artikolu xejn aktar m’hu mehtieg hlief li d-dixxendenti tal-premort jinsab ruhu f’tali relazzjoni ta’ familja mat-testatur li tkun possibli r-rapprezentazzjoni.* ***Cassar Qorti Civili Prim’ Awla 16 ta’ Marzu, 1948 Koll Vol XXXIII;***

Illi fil-kaz odjern Lando kellha zewgt itfal pero' wahda minnhom mietet qabilha u kellha tifla. Hi nnominat bhala eredi universali lit-tifla taghha Mary Borg, pero' jekk wiehed japplika l-artikolu 804 tal-Kodici Civili:

***804.*** *(1) Fil-linja kollaterali, l-jedd tar-rappreżentazzjoni jingħata lit-tfal u lid-dixxendenti ta' ħut il-mejjet, sew jekk dawn it-tfal jew dixxendenti jidħlu għall-wirt ma' zijiethom, kemm jekk, billi ħut il-mejjet ikunu kollha mietu qabel, il-wirt jgħaddi għad-dixxendenti tagħhom fi gradi mhux indaqs.*

*(2) Jekk it-tfal jew dixxendenti ta' ħut il-mejjet ikunu fi grad indaqs, ilkoll jirtu per capita, mingħajr rappreżentazzjoni.*

Illi ghalhekk wiehed ghandu jistaqsi li kieku Gulia miet minghajr testment min kien jirtu? F'dan il-kaz kien guvni (ma kellux tfal u lanqas mara) ghalhekk hutu kienu jirtuh. Il-fatt li Concetta Lando kienet mejta l-jedd ta' rapprezentanza kien ghalhekk idur fuq it-tfal taghha minflokha. F'dan il-kaz il-legat kellu jmur favur iz-zewgt itfal wahda minnhom mejta u ghalhekk favur Mary Borg u n-neputija taghha Annalisa Bonnici.

Illi fil-kaz odjern u skont l-artikolu 726 tal-Kodici Civili Mary Borg talbet li tithallas il-legat kif mitlub mill-ligi. Illi dan kien ir-responsabbilta' tal-Ezekutur Testamentarju. Skont Marcel Bugeja dan ma sarx. Min-naha tieghu l-konvenut qal li segwa l-parir tan-Nutar tieghu.

Il-konvenut ikkontesta t-talba ukoll a bazi tal-fatt illi somma flus ghandha titqies bhala jedd personali. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghaz-zewg eccezzjonijiet ghar-regola ta' 754(2)(a) li huwa ddispona b'mod specifiku li dan m'ghandux isir u jekk il-legat dritt fuq propjeta' ez usufrutt, uzu u abitazzjoni jew dritt li minn-natura tieghu jikkwalifika bhala personali.

Illi huwa pacifiku illi uzu, uzufrutt u anke abitazzjoni huma kollha intiz bhala jeddijiet li ghandhom jkunu ghal beneficcju personali tal-werriet/legatarju. Anche mill-verzjoni Ingliza

"*or any other right which of its own nature personal*" il-kaz odjern *si tratta di* somma ta' flus. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm ebda dubbju illi l-legislatur ma kellux l-intenzjoni li jinkludi bhala jedd personali somma ta' flus.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi ghandu jilqa' t-talba in parte ossia nofs is-somma ta' elf, mija erbgha u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,164.68) inkluz l-imghaxijiet skont il-ligi ossia dawn ghandhom jiddekorru mill-gurnata tal-mewt ta' Gulia (fit-2 ta' Jannar, 2003) skont l-artikolu 728 (b) tal-Kodici Civili, Kap XVI:

*L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (b) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.*

Fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn talab illi l-attrici thallsu danni li ghandhom jigu likwidati mit-Tribunal u dan minhabba mandat ta' sekwestru maghmul mill-attrici. L-eccezzjonijiet li pprezentat l-attrici huma diversi. Minghajr ma jidhol fl-eccezzjonijiet kollha imsemmija t-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 836 tal-Kodici tal-Procedura Civili Kap 12 li tindika l-mod kif ghandhom isiru kontro-mandati u danni u penali fir-rigward ta' mandati vessatorji illegali u maghmulin bla ebda htiega. Illi f'kull kaz il-procedura ghall-kontro mandat ghandha ssir fil-Qorti kompetenti li hija dik li Qorti **li tkun ħarġet l-att kawtelatorju** (ara Art 836(i)). Il-ligi zzid illi r-rikorrenti jista jigi kkundanat mill-istess Qorti jhallas penali f'kazijiet specifici indikati (vide Art 836(8)).

Fl-artikolu 836 (9) *Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrenti li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-Qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.*

Illi dan ghandu japplika ghall-kwistjoni odjerna. Illi dan il-process kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Magistrati bi procedura ta' rikors u mhux permezz ta' kontro talba quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar. Illi apparti li hija proceduralment inkorreta li taghmel talba bhal din quddiem it-Tribunal tidhol ukoll il-kwistjoni tal-kompetenza tat-Tribunal *rationae materie.* Jekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mhuwiex kompetenti jista' jqajjem din l-eccezjoni *ex ufficcio*[5] cioe anke jekk dan ma tqajjimx bhala eccezzjoni da parti tal-konvenuti. Ara l-artiklu 774 tal-Kodici tal-Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-gurisprudenza nostrana. Fil-kawza ***John Spiteri et vs Stephanie Spiteri pro et noe***, [6] il-Qorti tal-Appell iddikjarat li *l-inkompetenza hi sollevabbli 'ex officio' meta ghar-raguni ta' materja l-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-Tribunal adit. Dan ghar-raguni li l-kompetenza 'ratione materiae' hi ta' ordni pubbliku*[7]*, u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet* **Carmelo Degiorgio nomine vs *George Farrugia*.**[8]

Ghalhekk ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici '*in parte'* in kwantu takkordalha nofs l-ammont indikat fl-avviz fl-ammont t' elf mija u erbgha u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,164.68) bl-imghax skont il-ligi mid data kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjes kollha. Jichad it-talba rikonvenzjonali fl-intier taghha.

Bl-ispejjez tal-kontro talba jigu ssopportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

[5] Ara l-artikolu 774 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta.

[6] (Appell Civili Nru. 23/99,) deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru, 2001 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003

[7] (Vol. XXIX pII p468)

[8] Qorti tal-Appell Civili, 8 ta' Mejju, 1981

---------------------------------TMIEM---------------------------------